Guido Lanfranco

# SANT'ANTNIN FL-ISTORJA U D-DRAWWIET TAGĦNA

Il-patrijiet Franġiskani f'Malta, kemm jekk huma tal-Ordni Minuri, Kapuċċini jew Konventwali, dejjem għandek is-sibilhom xbihat, statwi jew pittura ta' Sant'Antnin ta' Padova. Mhux biss, imma hemm ukoll knejjes dedikati għalih bħalma huma dawk ta' Għajnsielem u ta' Għajn Dwieli u, għalkemm dedikata lil San Franġisk dik ta' Birkirkara li hi aktar magħrufa bħala ta' Sant' Antnin inkluż il-każin tal-Banda tagħha. Għadd kbir ta' individwi kienu msemmijin għalih sa minn żminijiet imbiegħeda u ismu għadu popolari sal-lum u għadd ġmielu ta' familji Maltin għadhom jgħożżu xbihat tal-qaddis fi djarhom.

Ħafna huma dawk li jemmnu li meta jitilfu xi ħaġa għandhom jitolbu lilu biex isibhielhom jew jitolbu quddiem ix-xbiha tiegħu f'xi gwaj ieħor serju personali jew ukoll nazzjonali. Jissemma' wieħed raġel żmien l-1790, li tant ried li jaqla' grazzja bl-interċessjoni ta' Sant' Antnin li beda jċanfar l-istatwetta li kellu għax deherlu li ma semgħux. Xi ħadd kżah li beda jidgħi u kellu jidher quddiem l-Inkwiżitur biex jindem. Ċerti individwi li jkunu sodisfatti bir-riżultat tat-talb tagħhom lil Sant'Antnin jqassmu xi santi tiegħu bħala ringrazzjament u tixrid tad-devozzjoni lejh. Oħrajn kemm-il darba jippubblikaw talba f'xi gazzetta bil-Malti jew bl-Ingliż; eżempju ta' talba bħal din tkun: Unfailing Prayer to St. Anthony (Talba lil Sant' Antnin li ma tfallix).

Kienet ukoll drawwa li lit-tfal iwaħħlulhom ma' ħwejjiġhom minn taħt, borża ċkejkna ħafna taċ-ċraret, bosta drabi rrakkmata b'xi simbolu devot, li fiha kienu jqiegħedulhom xi domni, u fosthom waħda ta' Sant'Antnin bħala protettur tat-tfal. Kien hemm min ikompli jżomm din il-borża domni ukoll meta jikber.

## Mill-Istorja ta' Malta

Il-Gran Mastru de Vilhena kien jismu Antonio Emanuel u kellu devozzjoni kbira lejn Sant'Antnin ta' Padova. Għalkemm aħna nassoċjaw dan il-qaddis Franġiskan ma' Padova, tabilħaqq li twieled fil-Lusitan-ja, jiġifieri fil-Portugall, fil-belt ta' Lisbona, fl-1191 bl-isem ta' Ferdinandu. Għall-ewwel daħal Agostinjan imma wara ssieħeb mal-Franġiskani u, wara li dar diversi pajjiżi u postijiet, spiċċa f'Padova. Billi De Vilhena twieled ukoll fil-Portugall, kienu tawh l-isem ta' Antonio u baqa' devot ta' dan il-qaddis ħajtu kollha.

Id-devozzjoni lejn Sant'Antnin kienet ġa mifruxa sewwa fil-gżejjer tagħna fi żmien dan il-Gran Mastru. De Vilhena għamel żjara f'Għawdex fl-1724 u hemm għamel mezz li jinviżtà lill-Franġiskani Konventwali. L-Għawdxin ta' sikwit kienu jħallu xi flus jew proprjetà biex issir il-festa jew jinxtgħel il-lampier quddiem ix-xbiha tiegħu u baqgħu jagħmlu hekk ukoll sa bejn iż-żewġ gwerer dinjin kif jixhdu, fost oħrajn, dokumenti tal-1912 u 1914.

Il-Gżira ta' Manoel bil-fortizza tal-istess isem huma imsemmijin għal dan il-Gran Mastru. Fl-1728 Vilhena bena knisja fil-fortizza bit-titular ta' Sant'Antnin ta' Padova, il-qaddis tiegħu u tal-Portugall. Kienet drawwa li knisja li tkun ġo fortizza mdaqqsa bħal dik tal-Gżira ta' Manoel u tar-Rikażli, tiġi kkunsidrata parroċċa għaliha. Il-knisja li kien hemm, u għad baqa l-fdalijiet tagħha fil-fortizza Manoel, fl-istess sena ġiet idikjarata parroċċa mill-Papa Benedittu XII affiljata ma' dik ta' San Ġwann tal-Belt, il-knisja konventwali tal-kavallieri, u indipendenti mill-isqof tad-djoċesi ta' Malta. Fiha kien hemm artal tal-Kurċifiss bil-fratellanza, ieħor ta' Sant'Anna, ukoll bil-fratellanza, oħrajn ta' San Ġużepp imħallas mill-logotenent tal-fortizza u ta' Santa Marija. L-arkitett tal-istess fortizza, De Mondion kien ġie midfun hemm ukoll fil-kripta fejn kien għamel bi flusu artal tal-Madonna tal-Grazzja.

## Devozzjonijiet u drawwiet oħra

Hemm knisja żgħira ta' Sant'Antnin li hi magħrufa wkoll bħala Tal-Latmija jew Tax-Xagħra ta' Marsaskala. Fis-sagristija kien hemm statwa ċkejkna tal-qaddis, u naħseb li għadha hemm. Wara ras Sant' Antnin hemm ħolqa li magħha jingħad li kienu jorbtu tul ta' rumnell biex fi żmien ta' nixfa jdend-luh fil-bir biex bħallikieku jfakkruh li għandhom bżonn l-ilma filwaqt li jitolbu għax-xita. Din l-istess statwetta jidher li xi sajjieda kienu wkoll jorbtuha max-xbieki tas-sajd u jniżżluha b'kollox fil-baħar bit-tama li jkollhom qabda tajba.

F'Għawdex, kif rajna, dejjem żammew devozzjonijiet lejn dan il-qaddis bis-saħħa tal-Franġiskani imma bosta kellhom ukoll id-drawwiet tagħhom fi kriżijet u bżonnijiet familjari. Meta kienu jaslu biex iwelldu, xi ommijiet devoti kienu jitolbu lill-Franġiskani Konventwali tar-Rabat biex jisilfuhom il-Bambin li kien hemm f'id l-istatwa ta' Sant'Antnin u jqiegħduh ħdejn l-omm sakemm titwieled it-tarbija b'wiċċ il-ġid.

Sa minn żmien l-Ordni ta' San Ġwann, f'Malta kienu jsiru festi kbar kull meta tasal Malta xi relikwa mportanti. Fl-

1946 kienu saru festi mill-Franġiskani f'Malta għax kienu ġabu għal ftit jiem relikwa ta' Sant'Antnin mill-bażilika tiegħu ta' Padova; din kienet ix-xedaq tal-qaddis. Fl-1995 kien jaħbat it-tmien ċentinarju mit-twelid tiegħu u f'Marzu waslet Malta relikwa oħra minn Padova; din kienet tal-kordi vokali tal-qaddis. Din ir-relikwa żaret diversi knejjes Franġiskani b'ħafna attivitajiet qabel ma rritornat Padova.

## Fil-Parroċċa tas-Sacro Cuor

Fuq l-artal ta' Sant'Antnin hemm il-pittura li saret minn Lazzaro Pisani fl-1881 u f'waħda mill-lunetti ta'taħt il koppla hemm xbieha oħra li pinġiha Paul Camilleri Cauchi fl-1970. Bħal fi knejjes oħrajn Franġiskani konna nsibu kaxxa għal ġbir li kien fiha miktub "Pane di S. Antonio" biex bil-flus li jinġabru jinxtara ħobż jew tingħata għajnuna oħra lil min ikun fil-bżonn, wara bdiet tinkiteb bil-Malti. Fil-festa tal-qaddis jitqassmu ħbejżiet lil kull min ikun fil-knisja għall-okkażjoni, speċjalment lit-tfal. Sikwit issir il-preżentazzjoni tat-trabi lil Sant'Antnin bħalma ssir lill-Madonna u qaddisin fi knejjes oħra. Dan minbarra li hemm id-devozzjoni tat-trediċina li, fost affarijiet oħra, matulha tingħad il-kurunella tal-qaddis f'kull waħda mit-tlettax-il Tlieta.

Il-festa ta' Sant'Antnin ta' Padova li saret f'din il-parroċċa fl-1932 saru bħas-soltu diversi devozzjonijiet, inklużi t-trediċina, tqassim ta' ħbejżiet, kurunella u attivitajiet oħra imma, billi dik is-sena kienet taħbat is-seba' ċentinarju mill-mewt tiegħu, saret ukoll proċessjoni li fiha ġarrew l-istatwa tal-qaddis li sselfu mill-Belt.


M.A.J. Morris
Stationery Ltd.
119, Manwel Dimech Street, Sliema.
Tel: 2133 0383
The shop with a wide selection of:
Toys, Cards for all occasions,
Attache Cases, Schoolbags,
Hardbacks, Paperbacks,
Gift Books & Magazines



GREEN ACRES
Green Grocer
For all your daily needs
Giacint Tua Street, Gzira
Tel:79300676